L-INDUSTRIJA TAL-BINI

# Mistoqsija u Tweġiba

## dwar Malta u l-Unjoni Ewropea

Ħarġa Nru. 6

MALTA-EU INFORMATION CENTRE

## Mistoqsija u Tweġiba dwar Malta u l-Unjoni Ewropea

Ktejjeb ta' informazzjoni miġbur miċ-Ċentru ta' Informazzjoni Malta-UE bl-aktar mistoqsijiet komuni li jsiru dwar Malta u l-Unjoni Ewropea.

Dan it-tagħrif jista' jkun riprodott kemm-il darba jingħata għarfien lil dan is-sors.

Dan il-ktejjeb hu ta' interess għal dawn is-setturi:

- Kuntratturi
- Periti
- Inġiniera
- Electricians
- Plumbers
- Min iqiegħed il-madum
- Min jaħdem għal rasu
- Min jaħdem fil-manifattura ta' prodotti tal-bini
- Sidien ta' barrieri
- Aġenziji tal-proprjetà
- Kumpaniji tal-kiri ta' makkinarju industrijali
- Ħaddiema fl-industrija tal-bini

# Ħarġa Numru 6
# L-Industrija tal-bini

Din il-pubblikazzjoni saret bis-saħħa ta' inizjattiva bi sħab bejn iċ-Ċentru ta' informazzjoni Malta-UE (MIC) u l- Kunsill Konsultattiv dwar l-Industrija tal-Bini (BICC)

Marzu 2002
Miktub: Marzu 2000
© Ċentru ta' Informazzjoni Malta-UE

**F'DAN IL-KTEJJEB TISTA' SSIB TWEĠIBIET GĦAL DAWN IL-MISTOQSIJIET:**

## Kompetizzjoni fl-Unjoni Ewropea


B'mod ġenerali, sħubija fl-UE kif se tolqot l-industrija tal-bini? 5
Liema problemi se niltaqgħu magħhom? 5
Jekk nissieħbu, kumpaniji Ewropej li jispeċjalizzaw fil-bini jkunu jistgħu jikkompetu magħna għal xogħlijiet pubbliċi ta' bini f'Malta? 5
Se jkun hemm xi forma ta' reġistrazzjoni għall-kuntratturi? Il-kumpaniji barranin se jkunu jistgħu jikkompetu għall-proġetti privati wkoll? 6
Il-kumpaniji Maltin se jkunu jistgħu japplikaw għal *tenders* maħruġa f'pajjiΩi ta' l-UE? 6
IΩda l-kumpaniji Maltin mhumiex Ωgħar wisq biex jikkompetu fl-Ewropa?
U dwar pajjiΩi li mhumiex fl-UE bħall-pajjiΩi Mediterranji ta' l-Afrika ta' Fuq? Nistgħu napplikaw għal xogħol hemmhekk? 7
Il-prezzijiet ta' prodotti tal-bini li nimpurtaw se jintlaqtu? 7
F'Malta għandna problema dwar il-ħlasijiet għax dawn jaffettwaw il-*cash flow* tagħna. L-UE tgħid xi ħaġa dwar il-ħlasijiet u hemm xi limitu ta' Ωmien sa meta għandu jħallas is-settur pubbliku? 8


## *Standards* fl-industrija tal-bini


X'tgħid l-UE dwar il-barrieri? 9
Kif se tintlaqat il-ġebla Maltija? 9
L-UE timponi xi qisien għat-twieqi? 9
X'tgħid l-UE dwar l-effiċjenza ta' l-enerġija? 9
Il-marka CE tapplika għall-industrija tal-bini? 10
X'inhu l-vantaġġ tal-marka CE ? 10
Hemm xi *standards* ta' l-UE dwar il-materjal li nuΩaw fil-bini? 11
Hemm xi speċifikazzjonijiet tekniċi li japplikaw? 12
Hemm xi *standards* oħra li huma ta' interess fl-industrija tal-bini? 12
Il-makkinarju u t-tagħmir li jintuΩaw lokalment fl-industrija tal-bini huma kompatibbli ma' l-*istandards* ta' l-UE jew irridu nibdluhom? 13
Jekk il-makkinarju u t-tagħmir tiegħi huma mmarkati CE ifisser li kollox huwa tajjeb? 13
U l-inġenji tal-ġarr li jintuΩaw għall-bini? 13
Smajt xi ħaġa fuq il-veloċità ta' l-inġenji. Irrid niċċekkja xi ħaġa? 14
Il-liċenzja tat-triq għat-trakkijiet se togħla? 14


## L-ambjent


Il-politika ambjentali ta' l-UE kif se taffettwa s-settur tal-bini? 15
Se jkun hemm bΩonn ta' studju fuq l-impatt ambjentali għall-proġetti kollha tal-bini? 17
L-Awtorità ta' l-Ippjanar se tinbidel b'xi mod? 17

## Fondi ta' l-UE


Veru li l-infrastruttura tal-pajjiżi se titjieb jekk nissieħbu fl-UE? 17

It-toroq se jitjiebu jekk nissieħbu? Nistgħu nġibu fondi mill-UE għat-toroq tagħna? 18


## Xiri ta' proprjetà f'Malta


Il-barranin se jkunu jistgħu jixtru kemm iridu proprjetà f'Malta? Dan se jaffettwa l-prezz tal-proprjetà? 18

Iċ-ċittadini Maltin se jkunu jistgħu jixtru proprjetà f'pajjiż oħra ta' l-UE? 19

L-aġenziji tal-proprjetà se jkollhom ibiddlu s-sistema tagħhom ta' negozju? 20

L-aġenziji tal-proprjetà lokali se jkollhom jikkompetu ma' kumpaniji barranin? 20

Jistgħu l-aġenziji tal-proprjetà lokali jiftħu barra u jbiegħu proprjetà f'dak il-pajjiż? 20


## Ħaddiema fl-industrija tal-bini


Sħubija fl-UE se toffri xi opportunitajiet għall-ħaddiema? 20

Jekk nissieħbu, il-ħaddiema ta' l-UE jistgħu jiġu u jfittxu xogħol fil-qasam tal-bini hawn Malta? 21

Din is-salvagwardja tapplika wkoll għall-ħaddiema Maltin li jfittxu xogħol fl-UE? 21

Nistgħu nġibu ħaddiema barranin minn pajjiż li mhumiex membri ta' l-UE? 22

Il-bennejja se jkollhom bżonn xi kwalifiki jew aktar taħriġ milli għandhom illum? 22

X'se jinbidel mill-miżuri dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq is-siti tal-bini? 22

Xi tgħid l-UE dwar il-metodi tax-xogħol użati fil-barrieri? 23

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-bennejja se jinbidlu? 23

U xi ngħidu dwar il-*leave* u s-*sick leave*? 23


## Ħaddiema professjonali fl-industrija tal-bini


Kif se jintlaqtu l-periti Maltin? 24

F'Malta l-periti huma kwalifikati kemm fl-inġinierija ċivili u anki fl-arkitettura. Jista' ċittadin ta' l-UE kwalifikat biss bħala inġinier ċivili jaħdem f'Malta bħala perit? 24

Jista' arkitett barrani jew inġinier ċivili li għandu l-permess li jaħdem Malta bħala perit jiffirma applikazzjonijiet għall- ippjanar mogħtija lill-Awtorità ta' l-Ippjanar? 24

Perit joffri is-servizzi tiegħu f'pajjiż ieħor ta' l-UE mingħajr ma jmur hemmhekk, jiġifieri waqt li qiegħed hawn Malta? 25

Kif se jintlaqtu l-inġiniera Maltin? 25


## Aktar informazzjoni


Minn fejn nista' nġib aktar informazzjoni? 26


## Anness


Taxxi minimi tat-triq tat-triq għat-trakkijiet 27

KOMPETIZZJONI FL-UNJONI EWROPEA

## B’mod ġenerali, sħubija fl-UE kif se tolqot l-industrija tal-bini?

Sħubija fl-UE tfisser li ssir parti minn suq wieħed fejn il-kompetizzjoni hi miftuħa għal kulħadd. F’dan is-suq jidħol ukoll is-settur tas-servizzi u dak tal-bini. Ħafna mill-opportunitajiet li jistgħu jinkisbu permezz ta’ sħubija fl-UE jiddependu mis-sens ta’ negozju ta’ l-industrijalist. Suq miftuħ ifisser ċertament aktar kompetizzjoni u għaldaqstant l-industrija lokali trid thejji lilha nnifisha sew biex tilqa’ għall-isfidi tal-kompetizzjoni. Dan jgħodd kemm għall-kompetizzjoni f’Malta  kif ukoll għall-kompetizzjoni ta’ proġetti, fosthom dawk b’*sub-contracting*, f’postijiet oħra fl-UE.

F’Malta, sħubija fl-UE se tagħti spinta lill-proġetti infrastrutturali billi Malta se tikkwalifika għall-fondi strutturali u ta’ koeΩjoni ta’ l-UE. Dawn ikopru fondi għall-proġetti kapitali kemm fil-qasam tat-trasport (b’mod partikulari toroq u portijiet) u l-ambjent. Proġetti kapitali f’dawn iΩ-Ωewġ oqsma huma ta’ interess dirett għall-industrija tal-bini.

## X’tip ta’ problemi nistgħu niltaqgħu magħhom?

Il-kompetizzjoni ġġib magħha kemm riskji kif ukoll opportunitajiet. Il-kumpaniji tal-bini li mhumiex preparati biΩΩejjed biex jikkompetu - kemm lokalment kif ukoll barra - jistgħu jsibuha diffiċli. Mill-banda l-oħra, dawk il-kumpaniji li huma lesti biex jikkompetu fuq l-istess livell ma’ l-oħrajn għandhom isibu sħubija bħala opportunità u sfida.

## Jekk nissieħbu, kumpaniji Ewropej tal-bini jkunu jistgħu jikkompetu magħna għal xogħlijiet pubbliċi ta’ bini f’Malta?

Iva. Il-liġi ta’ l-UE tgħid li kuntratti ta’ aktar minn ċertu valur iridu jinfetħu għall-kompetizzjoni għall-kumpaniji Ewropej kollha. Is-sejħa għat-*tender* trid tkun imħabbra fil-Gazzetta Uffiċjali ta’ l-UE li hi simili għall-*Gazzetta tal-Gvern* f’Malta. Dan jagħmilha aktar faċli għal kumpaniji fl-UE, biex jikkompetu għal kuntratti fis-settur pubbliku. Xiri pubbliku li jiddiskrimina kontra l-kumpaniji ta’ l-UE mhux permess.

Il-liġijiet ta’ l-UE japplikaw għal *tenders* maħruġa mill-Gvern, anki dawk minn dipartimenti tal-Gvern, entitajiet ikkontrollati mill-istat jew korporazzjonijiet u anki l-kunsilli lokali. Proġetti ta’ valur inqas minn dawn il-valuri m’għandhomx għalfejn ikunu ppubblikati fil-Gazzetta Uffiċjali ta’ l-UE. Kuntrattur fl-UE ma jistax imċaħħad mid-dritt li jikkompeti. Din hi lista ta’ kuntratti pubbliċi u l-valur li jrid ikollhom:

| **Proġetti pubbliċi** | **Kuntratti ta' aktar minn:** | |
|---|---|---|
| Xogħlijiet pubbliċi | 5.0 miljun euro | Lm2 miljun |
| Provvisti pubbliċi | 0.2 miljun euro | Lm80,000 |
| Servizzi pubbliċi | 0.2 miljun euro | Lm80,000 |
| Provvisti u servizzi ta' setturi oħra | 0.4 miljun euro | Lm160,000 |
| Provvista u servizzi ta' telekomunikazzjoni | 0.6 miljun euro | Lm240,000 |

Proġetti infrastrutturali kbar f'Malta huma diġà miftuħa għall-kompetizzjoni internazzjonali. L-industrija lokali tal-bini tgħid li ma tistax tikkompeti għal dawk it-tip ta' proġetti minħabba li l-kundizzjonijiet mogħtija lill-kumpaniji barranin huma aħjar minn dawk mogħtija lill-kuntratturi lokali. Bil-liġijiet ta' l-UE dwar il-kuntratti pubbliċi, ir-regoli u l-kundizzjonijiet għall-għotja ta' dawn il-kuntratti jridu jkunu ċari, trasparenti u ndaqs għal kulħadd, kemm għall-Maltin kif ukoll għall-barranin. Se jkun hemm ukoll il-possibilità biex kumpaniji jressqu protest dwar il-proċedura ta' kif ingħata xi kuntratt u jfittxu rimedju lokalment, u jekk ikun hemm bΩonn anki fil-livell Ewropew.

## Se jkun hemm xi forma ta' reġistrazzjoni għall-kuntratturi?

L-UE ma tesiġix xi sistema ta' reġistrazzjoni. Il-Gvern Malti qed jiΩviluppa sistema bħal din biex ikun hawn organizzazzjoni aħjar tas-suq. Hemm pajjiΩ fl-UE li jirreġistraw il-kuntratturi tagħhom u oħrajn li ma jagħmlux dan. B'sistema bħal din, il-kuntratturi li jridu jistabbilixxu ruħhom f'Malta jkunu jridu jiġu reġistrati.

## Il-kumpaniji barranin se jkunu jistgħu jikkompetu għall-proġetti privati wkoll?

Fil-kaΩta' proġetti li huma f'idejn is-settur privat, id-deċiΩjoni ta' min se jagħmel ix-xogħol tal-bini tkun kompletament f'idejn il-promoturi tal-proġetti. Huma jistgħu jagħΩlu bejn kumpaniji Maltin u Ewropej. Huma diġà liberi li jagħmlu hekk llum.

## Il-kumpaniji Maltin se jkunu jistgħu japplikaw għal *tenders* maħruġa f'pajjiΩ ta' l-UE?

Iva, kumpanija Maltija tkun tista' toffri s-servizzi tagħha f'liema pajjiΩ membru trid fl-UE u bil-kontra. Kif spjegat aktar 'il fuq, jekk kuntratt pubbliku li se jingħata minn awtorità f'pajjiΩ ieħor hu ta' ċertu valur, il-kumpaniji Maltin jistgħu jikkompetu għal dak it-*tender* ukoll.

## IΩda l-kumpaniji Maltin mhumiex Ωgħar wisq biex jikkompetu fl-Ewropa?

Le. Kumpaniji lokali mhux bilfors jidħlu għal proġetti kapitali kbar waħedhom. Iktar hu possibbli li jkunu jistgħu jikkompetu għal partijiet minn proġetti kbar, permezz ta' *sub-contracting*. Biex tgħin lill-kumpaniji Ωgħar jingħaqdu u jikkompetu b'dan il-mod, l-UE tħeġġeġ is-*subcontracting* li bih kumpaniji Ωgħar, fosthom dawk fis-settur tal-bini jingħataw partijiet minn proġetti kbar. Is-*subcontracting* qed isir fattur importanti ħafna għall-kumpaniji ΩΩgħar u jagħti lill-promoturi ta' proġetti kbar aktar flessibilità matul il-proġett.

## U dwar pajjiΩ li mhumiex fl-UE bħall-pajjiΩ Mediterranji ta' l-Afrika ta' Fuq? Nistgħu napplikaw għal xogħol hemmhekk?

L-UE hi l-akbar esportatur ta' servizzi madwar id-dinja. Kumpaniji ta' l-UE spiss jinvolvu ruħhom fi proġetti tal-bini barra l-UE. L-UE kkommettiet ruħha li tiftaħ is-suq dinji tas-servizzi permezz ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u permezz ta' diversi arranġamenti kummerċjali ma' pajjiΩ individwali li mhumiex membri. Meta Malta tissieħeb fl-UE hi ssir awtomatikament parti minn dawn l-arranġamenti li l-UE ffirmat ma' pajjiΩ mhux membri madwar id-dinja. Hemm aktar minn 100 pajjiΩ mhux membru ta' l-UE koperti minn dawn it-tip ta' ftehim. Fosthom hemm il-pajjiΩ Ewro-Mediterranji. Dan ifisser li l-kumpanija tiegħek tkun tista' tapplika biex taħdem fil-pajjiΩ tan-nofsinhar tal-Mediterran.

## Il-prezzijiet ta' prodotti tal-bini li nimpurtaw se jintlaqtu?

Dan jiddependi minn fejn il-prodotti huma importati. Jekk il-prodotti jinxtraw mill-UE, l-ebda dazji jew tariffi oħra ma japplikaw.

Jekk huma importati minn barra l-UE, il-prodotti jkollhom fuqhom it-Tariffa Barranija Komuni. Nieħdu bħala eΩempju l-prodott *HS Code* 3208109000 li jinkludi *undercoats* b'baΩ ta' *polyester, primers* u Ωebgħa. Hawnhekk naraw is-sistemi differenti mqabbla:

| **Żebgħa** | **Rata ta' Dazju f'Malta (kif inhi llum)** | **Rata ta' Dazju fl-UE (tapplika f'Malta wara sħubija)** |
|---|---|---|
| Dazju (Import Duty) | 10.00% | 6.5% |
| Taxxa (Excise) | 0.00% | 0.00% |
| Levy | Lm0.75/Litru | Ma jkunx hemm |
| VAT | 15% | Wara l-bejgħ. Dan jiddependi mir-rata tal-pajjiΩ membru fejn jiġi impurtat l-prodott |

EΩempju ieħor li nistgħu nieħdu hu tal-madum, siment jew ġebla artifiċjali (HS 6810193900):

| Madum | Rata ta' Dazju f'Malta (kif inhi llum) | Rata ta' Dazju fl-UE (tapplika f'Malta wara sħubija) |
|---|---|---|
| Dazju (Import Duty) | 8.10% | 1.7% |
| Taxxa (Excise) | 0.00% | 0.00% |
| Levy | M'hemmx | Ma jkunx hemm |
| VAT | 15% | Wara l-bejgħ. Dan jiddependi mir-rata tal-pajjiΩmembru fejn jiġi impurtat l-prodott. |

Kif għidna, l-UE għandha diversi arranġamenti ma' aktar minn 100 pajjiΩmhux membru madwar id-dinja. PajjiΩ li huma membri ta' l-UE jsiru awtomatikamenti parti minn dan il-ftehim. Ngħidu aħna, l-UE għandha Unjoni Doganali mat-Turkija (li mhix parti mill-UE). Jekk Malta tissieħeb fl-UE hi ssir awtomatikament parti mill-ftehim mat-Turkija u jkollha l-istess rabtiet kummerċjali bħall-UE ma' dan il-pajjiΩ B'hekk ma jkunx hemm tariffi mat-Turkija.

L-industrija Maltija tal-bini jista' jkollha tħares aktar lejn il-fond ta' din il-kwistjoni biex tkun tista' tisfrutta l-opportunijiet li jista' jkun hemm u tevita ċerti riskji. B'mod partikulari l-industrija trid tara jekk is-swieq il-ġodda jkunux miftuħin għal skopijiet ta' esportazzjoni jew għall-importazzjoni ta' materja prima. Għandha tara wkoll jekk jagħmilx sens li tbiddel il-pajjiΩminn fejn iġġib ċerta materja prima.

## F'Malta għandna problema dwar il-ħlasijiet għax dawn jaffettwaw il-*cash flow* tagħna. L-UE tgħid xi ħaġa dwar il-ħlasijiet u hemm xi limitu ta' Ωmien sa meta għandu jħallas is-settur pubbliku?

Iva. L-UE addottat liġi f'Ġunju 2000 magħrufa bħala d-Direttiva dwar il-Ħlasijiet Tard. Din il-liġi tkopri t-transazzjonijiet kummerċjali kollha, kemm fis-settur privat kif ukoll dak pubbliku. Il-liġi tagħti 30 ġurnata Ωmien minn wara li tingħata l-irċevuta jew il-kont bil-ħlas li għandu jsir, sakemm ma jkunx ġie stipulat mod ieħor fil-kuntratt. Meta dan iΩΩmien jiskadi, jibda jiΩdied l-imgħax awtomatikament bil-liġi. Il-bejjiegħ m'għandux għalfejn joqgħod jibgħat ifakkar lix-xerrej li għandu jħallas biex ikun jista' jiġbor l-imgħax fuq l-arretrati. Il-liġi ta' l-UE tagħti d-dritt lill-bejjiegħa biex jitolbu għal kumpens totali għall-ispejjeΩ li huma jagħmlu biex il-klijenti tagħhom iħallsuhom. Permezz tal-liġi nazzjonali, l-istati membri jistgħu jidentifikaw setturi fejn iΩΩmien jista' jitla' għal 60 ġurnata minflok 30.

Malta adottat din il-liġi ta' l-UE fl-2001 bħala parti mill-Att dwar il-Promozzjoni tal-Kummerċ. Din il-liġi, bħad-direttiva ta' l-UE, tapplika wkoll għas-settur pubbliku. Ir-rata ta' mgħax li trid titħallas hi l-inqas rata ta' skont *(minumum discount rate)* maħruġa kull tant Ωmien mill-Bank Ċentrali flimkien ma' sitta fil-mija oħra. Bħalissa din twassal għal rata ta' mgħax ta' 10 fil-mija.

## Xi tgħid l-UE dwar il-barrieri?

L-UE għandha regolamenti dwar is-saħħa u s-sigurtà f'siti tal-bini u għandha wkoll liġijiet ambjentali dwar il-kwalità ta' l-arja, il-ħsejjes, l-iskart u l-istudju dwar l-impatt ambjentali. Dawn kollha huma diskussi iktar 'il quddiem f'dan il-ktejjeb.

Minħabba l-*istandards* ambjentali ta' l-UE, l-industrija tal-barrieri trid tagħmel analiΩi dwar l-impatt ambjentali qabel ma tibda tħaffer barriera. Barriera tista' toħloq tniġġis ta' l-arja, trab, ħsejjes, tniġġis tal-ħamrija u ta' l-ilma, tista' taffettwa l-livell ta' l-ilma taħt l-art, tisa' teqred jew tisfratta *habitats* naturali u jista' jkollha impatt viΩiv fuq il-pajsaġġ ta' madwarha.

L-UE ma tgħid xejn dwar kif il-barrieri għandhom ikunu liċenzjati, min irid joħroġ il-liċenzja jew kemm-il barriera jista' jkollu pajjiΩ Din hi deċiΩjoni li trid tittieħed minn kull pajjiΩ

## Kif se tintlaqat il-ġebla Maltija?

L-UE m'għandhiex *standards* dwar il-ġebla iΩda għandha *standards* dwar il-metodi ta' kif tkun ittestjata l-ġebla, dwar il-metodi ta' kif ikun iddikjarat il-valur tagħha u dwar il-metodu ta' kif tkun analizzata l-konformità tagħha. Dawn l-*istandards* jgħoddu wkoll għal dak kollu li jintuΩa fil-bini għaliex dawn jiddependu partikularment mit-tip ta' bini. L-UE għandha liġi magħrufa bħala d-Direttiva dwar il-prodotti tal-bini. Din id-direttiva hi bbaΩata fuq ir-rendiment u għalhekk ma tidħolx fil-kwalità u *standards* tekniċi tal-ġebla jew materjal ieħor tal-bini. Fi kliem ieħor, il-ġebla trid tkun tajba għall-bini li fih tintuΩa. Aktar dettalji fuq din il-liġi jingħataw fil-paġni li ġejjin.

L-UE m'għandhiex regoli dwar id-daqs tal-ġebla.

## L-UE timponi xi qisien għat-twieqi?

Le, l-UE ma tiddeċidix id-daqs tat-twieqi. Dan jarah il-perit li jfassal il-bini skond ir-regolamenti tal-bini ta' Malta.

## X'tgħid l-UE dwar l-effiċjenza ta' l-enerġija?

L-UE għandha direttiva dwar ir-rendiment tal-ġeneraturi tas-sħana, il-produzzjoni ta' misħun f'bini mhux industrijali kemm ġdid kif ukoll eΩistenti u anki l-insulazzjoni ta' sħana u d-distribuzzjoni domestika ta' misħun f'bini ġdid mhux industrijali.

Malta qed thejji regolamenti ġodda dwar il-bini billi tagħti kas dawn ir-regolamenti. Dawn għandhom jidħlu fis-seħħ qabel sħubija.

# Il-marka CE tapplika għall-industrija tal-bini?

Iva. Meta prodott jissodisfa r-regolamenti kif imniΩΩa fid-Direttiva ta' l-UE dwar il-Prodotti tal-Bini (*Construction Products Directive*, CPD) fl-istadju tal-manifattura, dan jista' jkun immarkat bl-ittri CE. Din il-marka tfisser li min ħadem il-prodott, jew l-aġent tiegħu, issodisfa l-*istandards* ta' l-UE għall-produzzjoni ta' dak il-prodott. Kif spjegat aktar 'il fuq, il-liġi ta' l-UE ma tispeċifikax *standards* tekniċi. Sempliċiment tgħid li l-*istandards* tekniċi jridu jintlaħqu.

Dawk il-prodotti tal-bini li jissodisfaw l-istandards Ewropej jew il-*European Technical Approvals* jew fin-nuqqas, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi nazzjonali, huma eliġibbli li juru l-marka CE.

# X'inhu l-vantaġġ tal-marka CE?

L-aktar vantaġġ ovvju tal-marka CE hu li din tfisser li l-prodott jista' jiċċirkola liberament fl-UE u fiΩŻona Ekonomika Ewropea (fil-qosor bl-IngliΩ, EEA). F'din iΩŻona hemm 18-il pajjiΩ, fosthom l-UE flimkien man-Norveġja, l-Islanda, u l-Liechtenstein. Kull pajjiΩirid jieħu ħsieb li l-prodotti huma mmarkati tajjeb.

Figure 2 **Typical CE marking label**




Jekk il-prodott hu mmarkat CE iΩda ma jilħaqx l-*istandards* mitluba, hemm sensiela ta' miΩuri li jistgħu jittieħdu mill-pajjiΩ. Fost dawn il-miΩuri hemm it-tneħħija tal-prodott mis-suq. Il-pajjiΩmembru hu fid-dmir li jinforma lill-pajjiΩ membri l-oħra dwar dan il-prodott.

Fejn ma jeΩstux *standards* komuni Ewropej normalment japplika l-prinċipju ta' għarfien reċiproku. Dan ifisser li jekk dak li hu tajjeb għal pajjiΩ, fil-prinċipju, hu tajjeb ukoll għall-bqija tal-pajjiΩ membri.

Min jimmanifattura l-prodott jew l-aġent tiegħu jew ir-rappreΩentat rikonoxxut fiΩŻona Ekonomika Ewropea, hu responsabbli għat-twaħħil tal-marka CE. Wieħed mill-aspetti l-aktar importanti tal-marka CE hu li din ikollha informazzjoni teknika fil-forma ta' valuri dikjarati. Fejn il-valuri minimi jew massimi huma stipulati fl-*istandards* stess, dawn mhumiex ripetuti fil-marka CE. Bl-istess mod, il-kategoriji tar-rendiment tal-prodott jistgħu jkunu dikjarati ma' din il-marka flimkien ma' lista ta' kategoriji li hemm fl-*istandards*. Flimkien ma' l-*istandard*, din tagħti l-informazzjoni kollha li r-regolaturi għandhom bΩonn biex jiddeċiedu jekk prodott hux tajjeb

għal uΩu partikulari fil-pajjiΩli se jinbiegħ skond ir-regolamenti li japplikaw hemmhekk. Il-manifattur mhux marbut li jiddetermina jew jiddikjara l-valuri li għalihom ma jeΩistux regolamenti f'dak is-suq. F'dak il-kaΩ jista' jiddikjara li għal prodott m'hemmx rendiment partikolari determinat (*no performance determined* jew NPD).

Il-marka CE mhix marka ta' kwalità. Din sempliċiment turi li prodott jilħaq l-*istandards* meħtieġa. Għalhekk, marki ta' kwalità jistgħu jidhru ħdejn il-marka CE, basta l-iskop tagħhom ma jkunx konfuΩ

## Hemm xi *standards* ta' l-UE dwar il-materjal li nuΩaw fil-bini?

Id-direttiva dwar il-prodotti tal-bini (*Construction Products Directive*, CPD) għandha l-iskop li tneħħi l-ostakli tekniċi li jxekklu

Il-kummerċ ta' dawn il-prodotti bejn pajjiΩi membri fiΩ-Żona Ekonomika Ewropea. Biex dan l-iskop jintlaħaq id-direttiva tipprovdi erba' elementi prinċipali:

- sistema komuni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi
- sistema komuni biex ikun ippruvat li l-prodott huwa konformi mar-regoli
- qafas ta' entitajiet li joħorġu n-notifika
- il-marka CE fuq il-prodotti.




Din id-direttiva ma tagħmilx regolamenti komuni. PajjiΩi membri u s-setturi pubbliċi u privati għandhom id-dritt jagħmlu r-regolamenti tagħhom fuq ir-rendiment tax-xogħol u l-prodotti. Id-direttiva tipprovdi biss metodi komuni ta' ttestjar, metodi komuni ta' kif ikunu ddikjarati l-valuri tar-rendiment tal-prodott u metodu komuni għall-analiΩi biex ikun stabbilit jekk prodott huwiex konformi jew le.

L-għaΩla tal-valuri mitluba għal uΩu partikulari tibqa' f'idejn ir-regolaturi f'kull pajjiΩ membru.






Mill-1 ta' April 2001 hu possibbli li s-siment li jitqiegħed fis-suq Ewropew bil-marka CE bbażata fuq l-*istandards* komuni Ewropej. Sal-1 ta' Mejju, 2002, il-marka CE se tkun tista' tintuża għal aktar minn 44 prodott ieħor tal-bini u fi żmien ħames snin fuq total ta' 600 prodott. Din il-marka setgħet tintuża għal ċerti prodotti sa mill-1997 u kienet ibbażata fuq il-*European Technical Approvals* (ETAs). Iżda żieda ta' l-użu tal-marka CE kienet l-aktar evidenti wara l-introduzzjoni ta' l-*istandards* komuni fl-2001 u wara żieda fil-għadd ta' ETAs.

## Hemm xi speċifikazzjonijiet tekniċi li japplikaw?

Iva hemm. Iżda dawn ma jsirux mill-UE. Isiru minn diversi korpi tekniċi mwaqqfin fuq livelli Ewropej u nazzjonali. Speċifikazzjonijiet tekniċi fuq livell Ewropew jistgħu jkunu ta' żewġ tipi:

1. *Standards* komuni Ewropej kif addottati minn korpi ta' li jistabbilixxu *standards* Ewropej (CEN u/jew CENELEC) jew
2. sistema ta' *European Technical Approvals* (ETAs) li jaraw kemm prodott hu tajjeb għall-użu speċifikat tiegħu. Dan japplika fejn m'hemmx *standard* komuni, fejn m'hemm l-ebda *standard* nazzjonali magħruf u fuq fejn m'hemm l-ebda mandat għal *standard* Ewropew. Is-sistema tapplika wkoll meta l-Kummissjoni Ewropea tħoss, wara li tkun ikkonsultat il-pajjiżi membri fi ħdan il-Kumitat dwar il-Bini, li standard ma jkunx jista' jithejja għalissa. L-Organizzazzjoni Ewropea ta' l-Approvazzjonijiet Tekniċi (EOTA), li tgħaqqad flimkien il-gruppi nazzjonali, tkun tista' tifforma lista ta' gwidi għall-approvazzjonijiet tekniċi skond il-prodott jew it-tip ta' prodott tal-bini. L-EOTA timxi fuq mandat mogħti lilha mill-Kummissjoni wara li din ta' l-aħħar tikkonsulta l-Kumitat dwar il-Bini.

Fejn ma jeżistux la *standards* komuni Ewropej u lanqas gwidi għal ETA, il-prodotti tal-bini jistgħu jkomplu jkunu ċċekkjati skond il-liġijiet nazzjonali.

## Hemm xi *standards* oħra li huma ta' interess għall-industrija tal-bini?

Iva. Ċerti prodotti jistgħu jaqgħu wkoll taħt direttivi oħra ta' l-UE. Ngħidu aħna prodotti ta' l-elettriku jistgħu jkunu soġġetti għad-direttiva dwar il-Vultaġġ Baxx (*Low Voltage Directive*, LVD) u/jew għad-direttiva relatata mal-kompatibbilità elettromanjetika (*Electromagnetic Compatibility*, EMC). Għalhekk ta' spiss naraw il-marka CE fuq il-prodotti jew għodda ta' l-elettriku. Mill-1999, dawn iż-żewġ direttivi saru parti mil-liġijiet nazzjonali Maltin. (Ara Avviż Legali Nri 23 u 24 ta' l-1999).

Hemm direttiva wkoll dwar il-lifts li tiddefinixxi *standards* essenzjali għal-*lifts* u l-ħteġijiet ta' sigurtà għalihom. Qabel ma jitqiegħdu fis-suq, il-lifts u l-ħteġijiet ta' sigurtà għalihom irid ikollhom il-marka CE flimkien ma' Dikjarazzjoni ta' Konformità. Din id-direttiva saret parti mil-liġi Maltija permezz ta' l-Avviż Legali Nru 249 ta' l-2001 bl-isem ta' Regolamenti dwar il-*Lifts*, 2001. Dawn ir-regolamenti se jiġu fis-seħħ mill-1 ta' Lulju, 2002 (mhux b'mod retroattiv).

# Il-makkinarju u t-tagħmir li jintużaw lokalment fl-industrija tal-bini huma kompatibbli ma’ l-*istandards* ta’ l-UE jew irridu nibdluhom?

L-UE timponi *standards* dwar il-makkinarju li jintuża fl-industrija. Dan ma jfissirx li l-makkinarju li jintuża fl-industrija tal-bini jrid jinbidel jekk nissieħbu fl-UE. Ifisser biss li l-*istandards* ta’ l-UE jridu jkunu rrispettati meta l-makkinarju jkun qed jiġi manifatturat.

Makkinarju ġdid, fosthom inġenji tal-ġarr, iridu jkunu mmarkati CE (jiġifieri ċertifikati) qabel ma jitqiegħdu fis-suq ta’ l-UE. Regoli tekniċi komuni ta’ l-UE jkopru aspetti bħat-tniġġis bil-ħoss biex jitnaqqas l-impatt negattiv fuq l-ambjent minn ħsejjes ġejjin minn tagħmir tal-bini, u minn makkinarju u inġenji oħra.

Tagħmir, makkinarju jew inġenji li diġà qed jintużaw u ma jilħqux l-*istandards* ta’ l-UE ma jfissirx li jridu jinbidlu. Il-problema tinqala’ jekk tkun tixtieq tibdel il-makkinarju tiegħek jew tbiegħu fis-suq Ewropew. Ma jkunx possibbli li tbiegħ dan il-makkinarju fl-UE mingħajr il-marka CE. Dan jgħodd għal-lum ukoll.

# Jekk il-makkinarju u t-tagħmir tiegħi huma mmarkati CE jfisser li kollox huwa tajjeb?

Barra mill-marka CE hemm affarjiet oħra li trid tara. B’mod partikulari trid tkun ċert li t-tagħmir tax-xogħol ma joħloqx riskji lill-ħaddiema li jużawh. Tagħmir li hu mmarkat CE jkun probabbilment għadda mill-*istandards* ta’ sigurtà. Iżda s-sigurtà trid tibqa’ tkun garantita l-ħin kollu u mhux biss meta jinxtara l-apparat. Barra mit-tagħmir trid tara wkoll li l-inġenji tal-ġarr li tuża jinsabu f’kundizzjoni tajba.

# X’irrid nagħmel dwar is-sigurtà tat-tagħmir tax-xogħol?

Il-liġi ta’ l-UE tgħid li r-regolamenti dwar is-saħħa u s-sigurtà għandhom ikunu rispettati fil-każ ta’ tagħmir li jintuża mill-ħaddiema. Dan ifisser li t-tagħmir jew makkinarju jrid ikun sigur u ma jpoġġix f’riskju s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Fejn il-makkinarju jew xi tagħmir ma jkunux siguri dawn iridu jkunu mtejjba għas-sigurtà tagħhom. Fuq dan il-punt, Malta nnegozjat perjodu ta’ transizzjoni li jagħti ċans lill-industrija biex sal-2006 twettaq dan it-tibdil.

# U l-vetturi u l-inġenji tal-ġarr li jintużaw għall-bini?

F’dak li għandu x’jaqsam ma’ vetturi fl-industrija tal-bini, hemm xi ħtiġijiet oħra bl-applikazzjoni tal-*Vehicle Road-worthiness Test* (VRT). Il-*VRT testing* japplika għall-vetturi kollha fosthom għal kull tip ta’ trakk. F’Malta, ir-regolamenti dwar il-VRT iddaħħlu fl-1998 u se jkunu kollha fis-seħħ sas-sena 2005. Malta nnegozjat perjodu ta’ transizzjoni sas-sena 2005

biex tkun tista' ddaħħal il-VRT b'mod gradwali skond il-pjan oriġinali u mhux tgħaġġel minħabba sħubija fl-UE.

Għadd ta' trakkijiet qodma jistgħu ma jgħaddux minn dawn it-testijiet. Dawn ir-regolamenti se jtejbu l-ambjent iΩda se jkunu wkoll ta' spiΩa għall-kuntratturi li se jintlaqtu.

## Smajt xi ħaġa fuq il-veloċità tat-trakkijiet. Irrid niċċekkja xi ħaġa?

Hemm ukoll xi regolamenti dwar il-veloċità. B'mod li ntejbu s-sigurtà fit-toroq, il-liġi ta' l-UE titlob li jkun hemm apparat li jikkontrolla l-veloċità tal-vetturi li jġorru toqol massimu ta' aktar minn 12-il tunnellata metrika. Dawn l-inġenji ma jistgħux jintuΩaw fit-triq jekk ma jkollhomx dan l-apparat biex tiġi evitata veloċità Ωejda u b'hekk titjieb is-sigurtà fit-toroq.

Fuq dan il-punt, Malta nnegozjat perjodu ta' transizzjoni sa tmiem l-2005 biex jitwaħħel dan l-apparat. Dan japplika għall-vetturi reġistrati bejn l-1988 u l-2002 u li jinsaqu esklussivament f'Malta. Dan l-apparat li jikkontrolla l-veloċità huwa meħtieġ biss għat-trakkijiet u l-*coaches*. Mhuwiex meħtieġ għal karozzi normali.

## Il-liċenzja tat-triq għat-trakkijiet se togħla?

Iva. Il-liġijiet ta' l-UE jistipulaw rati minimi ta' taxxa għal liċenzji tat-triq tat-trakkijiet. Dan ma japplikax għall-karozzi normali. Dawn ir-rati ta' taxxi japplikaw għall-trakkijiet kbar u jvarjaw skond l-għadd ta' fusijiet li jkollhom u t-toqol tal-vettura.

L-iskop ta' din il-liġi hu li l-pajjiΩi individwali jΩommu taxxi għall-uΩu tat-toroq minn vetturi kbar. Il-liġi ta' l-UE tipprovdi biss rati minimi mhux rati komuni. IΩda r-rati ta' Malta huma aktar baxxi minn dan il-minimu.

Malta nnegozjat perjodu ta' transizzjoni sa tmiem l-2005 għall-introduzzjoni ta' dawn it-taxxi tat-triq fuq vetturi kbar Maltin li jinsaqu f'Malta biss. Dan iΩΩmien għandu jippermetti lis-sidien ta' dawn it-trakkijiet biex jadattaw għaΩΩieda ta' dawn it-taxxi. Fil-kaΩta' trakkijiet li jinsaqu f'Malta biss, wara sħubija, Malta se tipprova ssib mezzi kif tkun tista' tapplika rati aktar baxxi. Dan hu possibbli taħt il-liġi ta' l-UE, iΩda din it-talba tista' ssir biss wara sħubija.

Malta nnegozjat ukoll perjodu ta' transizzjoni - din id-darba sa tmiem l-2004 - biex tapplika t-taxxi tat-triq jiġu fuq it-trakkijiet li jġorru merkanzija tqila u li jkunu reġistrati Malta imma jinsaqu barra 'l pajjiΩ Dan iΩΩmien ta' transizzjoni se jippermetti li r-rati jiddaħħlu ftit ftit sakemm jilħqu r-rati minimi fl-UE. Ir-rati se jvarjaw minn Lm56 sa Lm372 skond it-tip ta' vettura. Ara l-anness għal-lista sħiħa tar-rati li japplikaw għal dawn it-trakkijiet.Dawn iΩΩewġ talbiet intlaqgħu mill-UE wara li Malta ppreΩentat u ddiskutiet il-pjan ta' implementazzjoni u ppreΩentat ir-raġunijiet tagħha.

# Il-politika ambentali ta' l-UE kif se taffettwa s-settur tal-bini?

L-industrija tal-bini se tintlaqat mil-liġijiet li l-UE għandha dwar il-kontroll ta' l-iskart, it-tniġġis ta' l-arja, il-kontroll ta' ħsejjes, l-ilma, il-konservazzjoni tan-natura u l-istudju dwar l-impatt ambjentali fejn is-sit tal-bini jkun ikopri aktar minn 25 ettaru.

**Kontroll ta' l-iskart:** Il-kontroll ta' l-iskart hu ta' importanza kbira meta jitqies li 90 fil-mija ta' l-iskart tagħna hu skart li ġej mill-bini u t-twaqqigħ tal-bini. Dwar l-iskart, il-prinċipji ewlenin ta' l-UE huma dawk li bl-IngliΩinsejħulhom it-tliet Rs: *reduce* (naqqas), *re-use* (erġa' uΩa) u *recycle* (riċiklaġġ). Kull skart irid isegwi dawn il-prinċipji. L-istrutturi nazzjonali jridu jsegwu wkoll dawn il-prinċipji.Dawn kienu r-raġunijiet prinċipali wara l-pjan għall-kontroll ta' l-iskart solidu f'Malta. Ir-radam għandu jintuΩa biss bħala l-aħħar soluzzjoni u f'dan il-kas, l-iskart irid ikun ittrattat qabel ma jintefa' fir-radam. L-UE tinsisti fuq is-separazzjoni ta' l-iskart u fuq l-uΩu ta' radam ikkontrollat.

Fil-qosor, dan ifisser li jista' jkollok skart li ġej mill-bini u t-twaqqigħ tal-bini li jintrema' f'radam li jkun imhejji għal dak it-tip ta' skart. Dan ifisser ukoll li l-iskart irid ikun irkuprat jew mormi b'sistemi li ma jkunux ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent.

**Arja:** JeΩistu liġijiet ta' l-UE dwar trabijiet u dħaħen li joħorġu minn barrieri u siti tal-bini. Jekk minn dawn is-siti joħorġu gassijiet bħas-*sulphur dioxide* $SO_2$ (kubrit), *nitrogen oxide* $NO_x$ (nitroġenu), trabijiet jew għabra oħra mniΩΩa fid-direttiva magħrufa bħala *Integrated Pollution Prevention and Control* (IPPC), f'dak il-kaΩdawn is-siti jkunu jridu jaqblu mal-livelli stabbiliti mil-liġi Ewropea dwar il-kwalità ta' l-arja. Rigward din il-liġi Malta talbet perjodu ta' transizzjoni sa tmiem l-2008 biex tagħti ċans lill-industrija taddatta. Emissjonijiet minn sorsi mhux wiefqa bħal trakkijiet u muturi fuq is-sit iridu wkoll josservaw id-direttivi ta' l-UE dwar l-emissjonijiet mill-vetturi. Fuq din il-kwistjoni, tapplika il-liġi tal-VRT.

**Ħsejjes:** Il-politika ta' l-UE dwar il-ħsejjes tirreferi speċifikament għat-tagħmir li jintuΩa fl-industrija tal-bini bħal tagħmir tal-bini, kompressuri, *tower cranes*, ġeneraturi ta' l-issaldjar, *breakers* tal-konkos u *hydraulic excavators*. Il-liġijiet ta' l-UE dwar dawn dan l-aħħar ddaħħli f'liġi waħda. Il-liġijiet ta' l-UE fihom speċifikazzjonijiet għal min jimmanifattura u jissupplixxi dawn il-prodotti jew tagħmir billi jistipulaw limitazzjonijiet fuq il-ħsejjes li jagħmlu. Il-prodotti li mhumiex manifatturati skond dawn l-*istandards* ma jingħatawx iċ-ċertifikazzjoni ta' l-UE (il-marka CE) u ma jistgħux jinbiegħu fis-suq Ewropew.

Il-liġijiet ta' l-UE ma japplikawx għal prodotti li diġà qed jintuΩaw u dawn ma jridux jinbidlu sempliċiment għax nissieħbu fl-UE. Il-liġijiet japplikaw għal prodotti ġodda. Sa tmiem l-2002 Malta se jkollha liġi ġdida li ddaħħal l-*istandards* ta' l-UE dwar il-ħsejjes ta' tagħmir uΩat barra.

L-Awtorità Maltija dwar l-*iStandards* u l-*Market Surveillance Directorate* (Ministeru għas-Servizzi Ekonomiċi) se jkunu l-aġenzji ewlenin li jaraw li dawn il-liġijiet ikunu infurzati.

**Ilma:** L-UE għandha direttiva dwar l-ilma li titlob lill-pajjiΩ membri biex idaħħlu miΩuri baΩċi biex iħarsu il-kwalità ta' l-ilma. Fost dawn il-miΩuri hemm l-introduzzjoni tal-prattika li jerġa' jintefa' l-ilma ppumpjat minn barrieri jekk, per eΩempju, jirriΩulta li l-barriera tkun ħalliet effett negattiv fuq l-ilma ta' taħt l-art.

**Konservazzjoni tan-Natura:** Il-politika ta' l-UE dwar il-konservazzjoni tan-natura tkopri wkoll il-barrieri indirettament għaliex il-pajjiΩ ta' l-UE huma obligati li jevitaw, id-deterjorazzjoni ta' *habitats* naturali u l-isfrattar ta' speċi koperti minn din il-liġi.

**Studji dwar l-Impatt Ambjentali (EIA):** Il-barrieri għandhom bΩonn ta' studju fuq l-impatt ambjentali qabel ma jibdew jaħdmu. Kif issemma aktar qabel, l-impatt ambjentali tal-barriera jista' jkun dwar it-tniġġis ta' l-arja, bħal trab, ħsejjes, tniġġis tal-ħamrija u l-ilma kif ukoll effetti fuq il-livelli ta' l-ilma taħt l-art, il-qerda jew l-isfrattar ta' *habitats* naturali u l-impatt viΩv fuq il-pajsaġġ tal-madwar. Fatturi oħra li jistgħu jitqiesu hemm it-teknoloġiji u l-metodi wΩati għat-tqattigħ tal-blat u l-metodi wΩati għar-rimi ta' l-iskart. Permezz tal-programm LIFE, l-UE tipprovdi għajnuna finanzjarja biex ikunu evitati jew imnaqqsa effetti negattivi. Finanzi jistgħu jingħataw ukoll għar-restawr ta' barrieri abbandunati. L-istess kif l-industrija tal-bini jkollha bΩonn ta' EIA, il-gvern ikollu bΩonn ta' AnaliΩ Strateġika Ambjentali għall-*policies*, pjanijiet u programmi tiegħu.

**Inizjativi oħra:** Hemm diversi inizjattivi volontarji li jimmiraw li jtejbu l-ambjent u biex ikun hemm qsim ma' ħaddieħor tar-riΩultati li jinkisbu. Per eΩempju, l-*Eco-Management and Audit Scheme* ta' l-UE, hi strument li bih ikunu mgħejjuna l-industriji biex dawn jieħdu ħsieb l-ambjent. Din l-iskema tistieden lill-kumpaniji biex idaħħlu *standards* ta' protezzjoni ambjentali fil-proċessi tagħhom ta' produzzjoni. Barra li tapplika dawn l-*istandards*, kumpanija interessata jrid ikollha wkoll awditur ambjentali indipendenti qabel ma tiddaħħal l-awtorità nazzjonali kompetenti. Jekk dawn iΩΩewġ kundizzjonijiet jintlaħqu l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jagħtu lill-kumpanija l-marka *standard* ta' l-UE.

## Se jkun hemm bżonn ta' studju fuq l-impatt għall-proġetti tal-bini kollha?

Proġetti tal-bini se jibqa' jkollhom bżonn ta' awtorizzazzjoni taħt il-liġijiet u regolamenti nazzjonali u permezz tal-proċess ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar. Analiżi ta' l-impatt ambjentali mhijiex normalment meħtieġa għal proġetti tal-bini normali. Dan se jibqa' hekk.

Fejn jidħlu proġetti ta' ċertu daqs, kemm pubbliċi kemm privati, li jista' jkollhom effett fuq l-ambjent, tkun meħtieġa analiżi ta' l-impatt ambjentali. Dan hu meħtieġ anki taħt il-liġi ta' l-UE. Din il-ħtieġa qiegħda hemm biex tiżgura li l-analiżi ssir fuq l-impatt tal-proġett qabel ma dan jibda. Il-promotur, kif ukoll il-pubbliku jridu jingħataw l-opportunità li jikkummentaw qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar il-proġett.

## L-Awtorità ta' l-Ippjanar se tinbidel b'xi mod?

Regolamenti dwar l-ippjanar jiddependu mill-awtoritajiet nazzjonali u l-UE ma tidħolx f'dan. Bħala riżultat ta' sħubija l-proċess ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar mhux se jinbidel b'xi mod sostanzjali. Dan se jibqa' jkun regolat mil-liġi nazzjonali. L-Awtorità ta' l-Ippjanar dan l-aħħar ingħatat iktar responsabbilitajiet biex tirregola l-ambjent f'pajjiżna u għalhekk nbidlet fl-Awtorità ta' l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA). Din id-deċiżjoni ttieħdet mill-awtoritajiet Maltin u ma kienetx meħtieġa mill-UE, għalkemm ħafna mill-*istandards* ambjentali ġodda huma mitluba mill-UE.

**FONDI TA' L-UE**

## Vera li l-infrastruttura tal-pajjiżi se titjieb jekk nissieħbu fl-UE?

L-UE għandha fond, magħruf bħala l-Fond ta' Koeżjoni, li minnu tagħti għajnuna finanzjarja għal proġetti infrastrutturali fil-qasam tat-trasport u l-ambjent. Bħala pajjiż li hu relattivament inqas żviluppat meta mqabbel ma' pajjiżi ta' l-UE, Malta tikkwalifika għal fondi mill-Fond ta' Koeżjoni. Fost il-proġetti li jkunu eliġibbli għal għajnuna finanzjarja hemm xogħlijiet ta' infrastruttura tat-toroq u xogħlijiet ta' infrastruttura fil-portijiet Maltin u l-ambjent. Dan il-fond jiffinanzja parti mill-proġetti u l-fondi jistgħu jilħqu sa 85 fil-mija ta' l-ispejjeż totali. Għaldaqstant l-infrastruttura lokali għandha titjieb bħala riżultat ta' sħubija.

## It-toroq se jitjiebu jekk nissieħbu? Nistgħu nġibu fondi mill-UE għat-toroq tagħna?

Dan hu possibbli. Iżda jiddependi jekk il-Gvern Malti jikkunsidrax bħala priorità t-toroq għall-fini ta' fondi mill-UE. Wara s-sħubija Malta se tikkwalifika għal għajnuna finanzjarja taħt il-fondi strutturali u ta' koeżjoni ta' l-UE. Dan jiddependi mit-tip u kwalità ta' proġetti li l-Gvern Malti jippreżenta kif ukoll fuq id-dmir li jkopri parti mill-ispejjeż. Wieħed irid jiftakar li l-UE tiffinanzja biss parti u mhux il-proġett kollu, għalkemm fil-każ ta' proġetti infrastrutturali l-proporzjon ta' finanzjament mill-UE jista' jitla' sa 85 fil-mija ta' l-ispiża totali tal-proġett. Il-gvern ikun irid jħallas il-bqija jew mill-fondi pubbliċi jew minn *partnerships* bejn is-settur pubbliku u dak privat.

Direttorat dwar il-Politika Reġjonali twaqqaf fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru biex ikun jista' jħejji lil Malta tikseb il-fondi mill-UE wara sħubija.

It-titjib tat-toroq Maltin hu magħruf li se jkun wieħed mill-prioritajiet tal-Gvern għall-fondi mill-UE.

**XIRI TA' PROPRJETÀ F'MALTA**

## Il-barranin se jkunu jistgħu jixtru kemm iridu proprjetà f'Malta? Dan se jaffettwa l-prezz tal-proprjetà?

Taħt il-liġi ta' l-UE ċittadini Ewropej għandhom id-dritt li jixtru proprjetà f'pajjiżi oħra ta' l-UE u jistgħu jittrasferixxu l-kapital neċessarju (fondi) biex jixtru jew jikru l- proprjetà. Miżuri biex ixekklu dan id-dritt huma llegali. Malta talbet arranġament speċjali permanenti fuq din il-kwistjoni biex ċittadini ta' l-UE ma jkunux jistgħu jixtru kemm iridu proprjetà f'Malta bil-konsegwenza li sħubija fl-UE twassal għal żieda fil-prezz tal-proprjetà u taffettwa ħażin liċ-ċittadini Maltin.

Dawn huma l-punti prinċipali li jispjegaw x'seħħ fin-negozjati f'dan il-qasam:

1. Qabel xejn ħafna mill-barranin li jixtru proprjetà f'Malta jibqgħu jgħixu barra u jużaw il-proprjetà Maltija biss bħala villeġġjatura. Għalihom Malta tkun residenza sekondarja u r-residenza primarja tibqa' x'imkien ieħor. Fl-aħħar snin, madwar 300 dar inbiegħu kull sena lill-barranin fosthom ċittadini mhux ta' l-UE. Minħabba li dawn huma l-akbar kategorija ta' xerrejja, in-negozjati ffukaw fuqhom.
2. Bħala riżultat tan-negozjati, il-pożizzjoni taċ-ċittadini Ewropej li jridu jixtru dar f'Malta għall-użu ta' villeġġjatura mhux se tinbidel wara sħubija. Dan ifisser li huma xorta se jkollhom

bżonn ta' permess biex jixtru l-ewwel dar li jingħata awtomatikament jekk ċerti kundizzjonijiet jintlaħqu (fosthom il-valur tal-proprjetà). Huma xorta mhux se jkunu jistgħu jixtru t-tieni proprjetà f'Malta.

3. Il-pożizzjoni taċ-ċittadini Ewropej li jemigraw lejn Malta u jiġu jgħixu hawn b'mod permanenti (kuntrarju ta' dawk li jużaw Malta bħala villeġġjatura) se tinbdiel bi tliet modi:

(a) Illum, ċittadini Ewropej li jgħixu Malta li jridu jixtru l-ewwel proprjetà għandhom bżonn ta' permess, li jingħata awtomatikament jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet relattivi. Wara s-sħubija huma mhux se jkollhom bżonn ta' permess. Dan japplika għax-xiri ta' proprjetà waħda biss.

(b) Illum ċittadini ta' l-UE li jigu jgħixu hawn Malta permanentement ma jistgħux jixtru t-tieni jew aktar proprjetà. Wara sħubija se jkunu jistgħu jagħmlu dan biss jekk ikunu għexu hawn għal ta' l-anqas ħames snin.

(ċ) Ċittadini ta' l-UE li jiġu jgħixu hawn Malta se jkunu jistgħu jixtru proprjetà relatata man-negozji tagħhom. Illum jistgħu jagħmlu dan biss jekk ikollhom l-approvazzjoni tal-Gvern. Wara s-sħubija ma jkollhom bżonn l-ebda awtorizzazzjoni.

4. Dawn it-tliet tibdiliet japplikaw biss għal ċittadini ta' l-UE li jgħixu hawn Malta fuq bażi permanenti, jiġifieri, bħala r-residenza primarja tagħhom. Dawn ma japplikawx għal dawk iċ-ċittadini li jgħixu barra iżda jridu villeġġjatura hawn Malta. F'dan il-każ ir-restrizzjonijiet ta' llum se jibqgħu.

5. Ċittadini mhux ta' l-UE (bħal dawk mir-Russja jew mill-pajjiżi mill-Afrika ta' Fuq jiffurmaw parti kbira mill-barranin li jixtru proprjetà hawn Malta. In-negozjati ma jaffettwawx lil din il-kategorija ta' xerrejja u għalhekk ir-restrizzjonijiet eżistenti se jibqgħu.

6. L-arranġament li ġie negozjat se jibqa' fis-seħħ għal dejjem u mhux għal xi ftit snin. Dan se jkun garantit minn Protokoll (dokument legali) li se jkun mehmuż mat-Trattat ta' Sħubija ta' Malta.

7. L-UE għamlitha ċara li dan l-arranġament kien aċċettabbli biss minħabba s-sitwazzjoni ġografika u demografika unika ta' Malta. Hi żiedet li dan l-arranġament m'għandux iservi ta' preċedent għall-pajjiżi kandidati oħra.

8. Ir-riżultat tan-negozjati dwar il-proprjetà fisser li s-suq tal-proprjetà Maltija se jibqa' liberalizzat għar-residenti Maltin biss. Dan mhux se jkun liberalizzat għall-400 miljun ċittadin ta' l-UE kif għandu jkun taħt il-liġi ta' l-UE. Dan għaliex ir-restrizzjonijiet eżistenti se jitħallew għall-barranin li ma jgħixux f'Malta.

## Iċ-ċittadini Maltin se jkunu jistgħu jixtru proprjetà f'pajjiżi oħra ta' l-UE?

Iva. Wara s-sħubija ċ-ċittadini Maltin se jkunu jistgħu proprjetà f'kull pajjiż ta' l-UE u ma jkollhom bżonn jissodisfaw l-ebda ħtieġa jew restrizzjoni minħabba n-nazzjonalità tagħhom. Dan ifisser li l-UE ma mponietx fuq Malta dawk ir-restrizzjonijiet li Malta se tkun qed timponi fuq iċ-ċittadini ta' l-UE li jridu jixtru l- proprjetà f'Malta.

## L-aġenziji tal-proprjetà se jkollhom ibiddlu s-sistema ta' negozju tagħhom?

Le. M'hemm l-ebda regolamenti speċifiċi ta' l-UE dwar l-aġenziji tal-proprjetà. Jiddependi minn Malta jekk dawn għandhomx ikunu regolati f'Malta jew le. Bħalissa l-aġenti mhux regolati f'Malta. Dan ifisser li kulħadd jista' jsir aġent tad-djar mingħajr kwalifiki jew affarijiet oħra. Jekk Malta tiddeċiedi li tirregola dan is-settur, dawn ir-regolamenti japplikaw kemm għall-operaturi Maltin kif ukoll għal dawk mill-UE li jfittxu li jiftħu hawn Malta.

## L-aġenziji lokali se jkollhom jikkompetu ma' kumpaniji barranin?

Iva. Skond il-liġi Ewropea kull individwu, ditta jew kumpanija fl-UE għandhom id-dritt li jiftħu b'mod permanenti f'pajjiΩ ieħor ta' l-UE jew li joffru s-servizzi tagħhom b'mod temporanju f'pajjiΩ ieħor ta' l-UE. Biex jagħmlu hekk ikollhom jirrispettaw ir-regoli li japplikaw f'dak il-pajjiΩ li fih se joffri dak is-servizz. Aġenziji tad-djar lokali xorta se jkollhom il-vantaġġ li jafu s-suq lokali tal-proprjetà ħafna iktar mill-aġenti barranin.

## Jistgħu l-aġenziji tal-proprjetà lokali jiftħu barra u jbiegħu proprjetà f'dak il-pajjiΩ?

Iva. Għal darba oħra, biex jagħmlu hekk, ikunu jridu jirrispettaw ir-regoli tal-pajjiΩ li fih se jiftħu. Dan ifisser, per eΩempju, li jekk individwu jrid jiftaħ aġenzija f'Londra, hu jrid jaħdem skond il-liġijiet tar-Renju Unit, jekk jeΩistu, li jirregolaw l-aġenziji tad-djar f'dak il-pajjiΩ

**ĦADDIEMA FL-INDUSTRIJA TAL-BINI**

## Sħubija fl-UE se toffri opportunitajiet għall-ħaddiema?

L-akbar fattur importanti għall-ħaddiema tal-bini, hu, l-ewwelnett li jkollhom xogħol. Dan jiddependi minn jekk il-kumpanija li timpjegahom hix lesta u tistax tilqa' għall-isfidi tal-kompetizzjoni. F'Malta l-kuntratturi lokali ta' spiss jilmentaw li hawn nuqqas ta' ħaddiema fis-settur tal-bini.

Hemm fatturi oħra x'wieħed jikkunsidra. Per eΩempju, it-taħriġ fl-industrija tal-bini hu punt importanti ħafna. Hawnhekk l-UE hi rilevanti għaliex tgħin l-inizjattivi ta' taħriġ. Il-programm ta' taħriġ vokazzjonali ta' l-UE, imsejjaħ Leonardo da Vinci jgħin inizjattivi ta' taħriġ li huma parti minn proġett bi sħab Ewropew li jinvolvi diversi organizzazzjonijiet madwar l-Ewropa b'interess fit-taħriġ. Inizjattivi ta' Leonardo da Vinci japplikaw ukoll għall-

individwi u kumpaniji fl-industrija tal-bini. Programmi ta' skambju, per eΩempju, jippermettu lill-ħaddiema ΩgħaΩagħ, apprendisti u studenti biex dawn jqattgħu xi Ωmien f'istituzzjoni jew kumpanija barranija. Kumpaniji tal-bini b'interess fit-taħriġ jew l-istituzzjoni lokali ta' taħriġ fil-bini jistgħu jikkoperaw ma' kumpaniji barranin u istituzzjonijiet fi proġetti relatati mat-taħriġ.

Bħala pajjiΩ kandidat Malta tista' tipparteċipa f'dan il-programm. Jekk trid tkun taf aktar dwar dan is-suġġett, għandek tikkuntattja lill-aġenzija lokali ta' Leonardo da Vinci jew l-MIC biex issir taf kif tista' tipparteċipa.

Wara sħubija Malta tkun eliġibbli wkoll biex tibbenefika mill-Fond Soċjali Ewropew li jalloka assistenza finanzjarja għal proġetti li jippromwovu l-iΩvilupp tar-riΩorsi umani u x-xogħol f'kull qasam, fosthom is-settur tal-bini.

## Jekk nissieħbu, il-ħaddiema ta' l-UE jistgħu jiġu jfittxu xogħol fil-qasam tal-bini hawn Malta?

Iva, jekk Malta tissieħeb fl-UE, il-ħaddiema tal-bini barranin jkunu jistgħu jiġu jaħdmu Malta dejjem jekk huma ċittadini ta' pajjiΩ fl-UE. F'Malta l-industrija tal-bini tgħid li m'hawnx biΩΩejjed ħaddiema Maltin biex jimlew il-postijiet f'dawn is-setturi. Għaldaqstant din il-possibiltà għandha tiffaċilita ċaqliq ta' ħaddiema tal-bini lejn Malta.

Fuq is-suġġett taċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema, matul in-negozjati ma' l-UE Malta nnegozjat arranġament speċjali dwar id-dritt ta' ħaddiema Ewropej biex jiġu jfittxu x-xogħol hawn Malta. Ħaddiema ta' l-UE se jkunu jistgħu jfittxu xogħol hawn Malta. IΩda għal perjodu ta' seba' snin wara sħubija Malta se ΩΩomm id-dritt li twaqqfilhom il-permess tax-xogħol unilateralment f'kaΩijiet urġenti u eċċezzjonali fejn l-influss ta' ħaddiema mill-UE jkun ta' theddida għas-suq lokali jew għal parti minnu.

Wara dan il-perjodu, fil-kaΩ ta' influss sproporzjonat ta' ħaddiema mill-UE, Malta tkun tista' tfittex rimedju, iΩda f'dan l-istadju mhux minn jeddha iΩda bi ftehim ma' l-UE.

Dan ifisser li jekk nissieħbu fl-UE u jkun hawn nuqqas ta' ħaddiema tal-bini f'Malta nkunu nistgħu nġibu ħaddiema mill-UE biex jaħdmu f'dan is-settur. Il-ħaddiema jistgħu jinġiebu minn kull pajjiΩ ta' l-UE, fosthom il-pajjiΩi membri ġodda ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant. Għall-ewwel seba' snin wara sħubija dawn xorta jkollhom bΩonn ta' permess tax-xogħol. Dawn il-permessi tax-xogħol jingħataw b'mod awtomatiku, sakemm ma jkunux miċħuda għal raġunijiet kif spjegati aktar 'il fuq kif negozjati minn Malta. Wara l-ewwel seba' snin, ħaddiema mill-UE ma jkollhomx bΩonn ta' permessi tax-xogħol biex jaħdmu Malta.

## Din is-salvagwardja tapplika wkoll għall-ħaddiema Maltin li jfittxu li jaħdmu fl-UE?

Le. Malta assigurat id-dritt għaċ-ċittadini Maltin biex ifittxu x-xogħol f'pajjiΩi oħra ta' l-UE

mill-ewwel ġurnata wara s-sħubija mingħajr l-ebda forma ta’ restrizzjonijiet. Dan ifisser li r-restrizzjonijiet li jistgħu jkunu mposti minn Malta fuq il-ħaddiema mill-UE ma jistgħux ikunu imposti fuq ħaddiema Maltin f’pajjiΩ oħra ta’ l-UE.

## Nistgħu nġibu ħaddiema barranin minn pajjiΩ li mhumiex membri ta’ l-UE?

Ħaddiema minn pajjiΩ li mhumiex membri ta’ l-UE jibqa’ jkollhom bΩonn tal-permess tax-xogħol bħalma hu l-kaΩillum.

## Il-bennejja se jkollhom bΩonn ta’ xi kwalifiki jew aktar taħriġ milli għandhom illum?

Le. Kwalifiki u taħriġ għall-bennejja jiddependu mill-pajjiΩ individwali u mhux mill-UE.

L-UE tidħol biss biex tassigura li jekk persuna tikseb il-kwalifika, anki jekk din hi waħda vokazzjonali, tkun rikonoxxuta f’pajjiΩ oħra ta’ l-UE. Dan ifisser li jekk ħaddiem ta’ l-UE għandu kwalifika minn pajjiΩu, din il-kwalifika trid tkun rikonoxxuta hawn Malta. L-istess japplika għal ċittadin Malti li jikseb kwalifika miċ-Ċentru Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) u li jrid isib xogħol f’pajjiΩieħor ta’ l-UE.

## X’se jinbidel mill-miΩuri dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq is-siti tal-bini?

Skond il-liġi ta’ l-UE hemm obbligi fuq min iħaddem biex dawn jirrispettaw is-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol, fosthom siti tal-bini. Il-ħaddiema wkoll għandhom l-obbligu li jikkoperaw biex dawn l-*istandards* ikunu nfurzati. Il-liġi hi aktar rilevanti għal proġetti kbar milli għal xogħol Ωgħir tal-bini.

L-obbligu prinċipali ta’ min iħaddem hu li jissorvelja l-ħaddiema u li jagħmel analiΩ tar-riskji li jista’ jkun hemm fil-post tax-xogħol. Min iħaddem irid jipprovdi t-taħriġ u jara li l-ħaddiema huma kompattibli max-xogħol li jingħatalhom. Fil-post tax-xoġġol iridu jevitaw nirien u inċident ta’ spluΩjonijiet. Iridu jaraw ukoll li jkun hemm faċilitajiet ta’ salvataġġ u minn fejn wieħed jista’ jaħrab, stallazzjonijiet sanitarji u jridu wkoll jipprovdu testijiet regolari tas-saħħa lill-impjegati tagħhom. Il-ħaddiema jridu jkunu kkonsultati, infurmati u involuti fit-teħid ta’ deċiΩjonijiet marbuta mas-saħħa u s-sigurtà tagħhom.

Fuq din il-liġi, matul in-negozjati, Malta talbet Ωmien sa Jannar 2004 biex timplimentaha kollha biex ikollha Ωmien biΩΩejjed ħalli twaqqaf sistema ta’ infurzar kif ukoll biex l-industrija lokali tilħaq taddatta ruħha.

## Xi tgħid l-UE dwar il-metodi tax-xogħol uΩati fil-barrieri?

Hawnhekk ukoll japplikaw l-*istandards* ta' l-UE dwar is-saħħa u s-sigurtà fis-settur tal-bini. Min iħaddem għandu diversi dmirijiet rigward is-saħħa u s-sigurtà. Fost dawn hemm is-superviΩjoni u d-dmir li ssir analiΩ tar-riskji li jista' jkun hemm fil-post tax-xogħol. Min iħaddem irid jipprovdi taħriġ u jara li l-ħaddiema huma kompatibbli max-xogħlijiet li jingħatawlhom.

## Il-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-bennejja se jinbidlu?

Jekk inti taħdem għal rasek jiddependi minnek biex taħdem kemm-il siegħa trid. L-istess, japplika jekk int ħaddiem tal-familja jew jekk taħdem waħdek *part-time*.

Jekk int impjegat, ma tistax tiġi mġiegħel taħdem għal aktar minn 48 siegħa fil-ġimgħa bis-sahra b'kollox. Jekk int tiftiehem ma' min jimpjegak li taħdem iktar, tista', sakemm dan ma jpoġġix fil-periklu s-saħħa u s-sigurtà tiegħek jew tal-ħaddiema l-oħra. Jekk mill-banda l-oħra ma tridx taħdem iktar minn 48 siegħa min iħaddmek ma jistax jiddiskrimina kontrik u lanqas jista' jkeċċik.

## U xi ngħidu dwar il-*leave* u s-*sick leave*?

Jekk int impjegat, irid ikollok ta' l-inqas erba' ġimgħat *leave* imħallsa fis-sena. Dan il-*leave* ma jistax jinbidel b'*allowance* ħlief meta l-ħaddiem ikunu qed jaħdem in-*notice*. M'hemm l-ebda liġi ta' l-UE li titkellem dwar l-għadd ta' *sick leave*, pagi u benefiċċji oħra li għandhom jingħataw. Dawn jingħataw skond il-liġi Maltija.

## Kif se jintlaqtu l-periti Maltin?

L-UE għandha liġi speċifika dwar l-arkitetti li titkellem dwar id-dritt taċ-ċaqliq ħieles madwar l-UE. Il-professjoni ta' l-arkitetti hija waħda minn seba' professjonijiet li l-għarfien tagħhom hu regolat b'mod dirett fuq livell ta' UE. Il-liġi tispeċifika t-tip ta' taħriġ li arkitett irid ikun għamel biex ikun magħruf f'kull pajjiΩta' l-UE.

Bħala riΩultat ta' din il-liġi min hu kwalifikat biex jaħdem f'pajjiΩu jkun awtomatikament magħruf li hu kwalifikat biex jaħdem f'kull pajjiΩmembru ta' l-UE tal-għaΩla tiegħu. L-unika eċċezzjoni tista' tkun jekk jeΩistu xi karatteristiċi speċifiċi tal-professjoni ta' l-arkitettura f'pajjiΩ partikulari. Per eΩempju, l-arkitetti fuq gΩira vulkanika jistgħu jingħataw taħriġ differenti mill-pajjiΩ l-oħra. F'dan il-kaΩ, il-pajjiΩli qed jilqa' lill-arkitett, jista' jitolbu biex jagħmel perjodu ta' taħriġ qabel ma jaċċetta l-kwalifiki u l-*warrant* tiegħu.

## F'Malta l-periti huma kwalifikati kemm fl-inġinierija ċivili u anki fl-arkitettura. Jista' ċittadin ta' l-UE kwalifikat biss bħala inġinier ċivili jaħdem f'Malta bħala perit?

Iva, jekk il-kwalifiki u l-esperjenza ta' l-arkitett jiġu rikonoxxuti mill-*Periti Warranting Board*. F'dan il-kas hemm kumplikazzjoni Ωgħira, għaliex f'pajjiΩ oħra, il-kwalifiki ta' arkitett huma normalment differenti minn dawk ta' inġinier ċivili filwaqt li f'Malta dawn huma magħquda f'kors wieħed. F'Malta l-għarfien ta' arkitett barrani jkun aktar faċli minn dak ta' inġinier ċivili li jipprova jaħdem bħala perit. Fit-tieni kaΩ, l-applikant jista' jintalab jagħmel test *(aptitude test)* qabel ma jingħata r-rikonoxximent biex jaħdem hawn Malta bħala perit.

## Jista' arkitett barrani jew inġinier ċivili, li għandu l-permess li jaħdem Malta bħala perit, jiffirma applikazzjonijiet għall-ippjanar mogħtija lill-Awtorità ta' l-Ippjanar?

Iva. Jekk il-*warrant* ta' l-arkitetti jew l-inġiniera ċivili huwa magħruf mill-*Periti Warranting Board*, allura l-arkitetti jew inġiniera ċivili jistgħu jiffirmaw applikazzjoni ta' pjanta quddiem l-Awtorità ta' l-Ippjanar. Jekk hemm għarfien biex taħdem hawn Malta, ma jistax ikun hemm diskriminazzjoni. Tant u hekk, li jidher li din il-prattika diġà teΩisti hawn Malta.

## Jista' perit joffri is-servizzi tiegħu f'pajjiΩieħor ta' l-UE mingħajr ma jmur hemmhekk, jiġifieri waqt li qiegħed hawn Malta?

Iva. Dan għaliex barra d-dritt li taħdem f'pajjiΩieħor u li tiftaħ hemmhekk, għandek id-dritt ukoll li tibqa' bbaΩat f'pajjiΩek iΩda tipprovdi servizz f'pajjiΩieħor. Dan ifisser li jeΩsti d-dritt taċ-ċaqliq ħieles tas-servizz fejn perit ikun jista' jipparteċipa fi proġetti f'pajjiΩ oħra u jkun involut fix-xogħol f'dak il-pajjiΩfuq baΩ temporanja aktar milli fuq baΩ permanenti. Bl-istess mod kulħadd jista' jiftaħ f'pajjiΩieħor b'mod permanenti billi jistabbilixxi ruħu f'dak il-pajjiΩ Dan hu magħruf bħala d-dritt ta' stabbiliment.

FiΩΩewġ kaΩ, l-perit jista' joffri s-servizzi tiegħu biss jekk il-kwalifiki tiegħu ġew rikonoxxuti. L-għarfien hu kundizzjoni minn qabel għax-xogħol jew biex toffri s-servizzi tiegħek f'pajjiΩ oħra.

## Kif se jintlaqtu l-inġiniera Maltin?

It-tema prinċipali se tkun ċertament dik taċ-ċaqliq ħieles ta' l-inġiniera, jiġifieri, inġiniera barranin li jfittxu x-xogħol hawn Malta u inġiniera Maltin li jfittxu x-xogħol barra. Biex tiffaċilita ċ-ċaqliq ħieles, l-UE għandha sistema ta' għarfien reċiproku tal-kwalifiki. F'dan il-kaΩ il-professjoni ta' l-inġinerija hi koperta minn dik li hi magħrufa bħala s-sistema ġenerali fejn issir distinzjoni bejn professjonijiet regolati u dawk mhux regolati.

Il-professjoni tkun regolata jekk il-liġi nazzjonali tal-pajjiΩtistipula li biex taħdem dik il-professjoni, hemm direttament jew indirettament liġijiet, regolamenti jew provvedimenti amministrattivi dwar il-pussess ta' evidenza ta' edukazzjoni u taħriġ (jew attestazzjoni ta' kompetenza). Dan hu l-kaΩta' l-inġiniera f'Malta. Għalhekk, inġinier li jrid jaħdem f'Malta jrid ikollu l-kwalifiki tiegħu mqabbla ma' dawk ta' Malta. Jekk ikun hemm xi diskrepanzi hu jkun irid jgħaddi minn perjodu ta' addattament jew jagħmel *aptitude test*. Fost il-pajjiΩ oħra ta' l-UE fejn il-professjoni ta' l-inġiniera hi regolata hemm ir-Renju Unit, il-Ġermanja, Spanja u l-Lussemburgu.

F'dawk il-pajjiΩ ta' l-UE fejn il-professjoni mhix regolata, il-persuna barranija m'għandhiex għalfejn ikollha kwalifiki speċifiċi biex taħdem hemm bħala inġinier u lanqas ikun hemm bΩonn li tapplika għall-għarfien tal-kwalifika barranija tagħha. Dan hu l-kaΩ per eΩempju, fil-Belġju, fl-Olanda u fid-Danimarka.

AKTAR INFORMAZZJONI

# Minn fejn nista' nikseb aktar informazzjoni?

Jekk trid aktar informazzjoni jew jekk trid li jkollok laqgħa magħna fejn nispjegawlek l-affarjiet f'aktar dettall, ikkuntattja liċ-Ċentru ta' Informazzjoni Malta-UE (MIC) fuq in-numru tat-telefon 2590 9192 jew ibgħat email fuq euinfo.mic@magnet.mt

Għadd kbir ta' informazzjoni tista' tinkiseb ukoll minn dawn is-siti:

Iċ-Ċentru ta' Informazzjoni Malta-UE (MIC)
**http://www.mic.org.mt**

---

Kunsill tal-Produtturi Ewropej tal-Materjal għall-Bini (CEPMC)
**http://www.cepmc.org**

---

European Organisation for Technical Approvals (EOTA)
**http://www.eota.be/**

---

Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fil-post tax-Xogħol (OSHA)
**http://europe.osha.eu.int/**

---

Djalogu man-negozju
**http://europa.eu.int/business/en/index.html**

---

Industrija tal-bini
**http://europa.eu.int/comm/enterprise/construction/**

---

Informazzjoni fuq kull settur
**http://www.mic.org.mt/EUINFO/sector/sec_glossary.htm**

---

Ambjent
**http://europa.eu.int/comm/environment**

---

European Industrial Minerals Association
**http://ibase093.eunet.be**

---

## ANNESS: TAXXI MINIMI TAT-TRIQ APPLIKABBLI GĦAT-TRAKKIJIET

### IS-SITWAZZJONI LLUM

| **Taxxa annwali fuq il-vetturi tat-triq** | |
|---|---|
| Vetturi tqal li jinsaqu f'Malta biss | Lm40 |
| Vetturi tqal li jinsaqu internazzjonalment | Lm58 |

### IS-SITWAZZJONI WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TA' TRANSIZZJONI (2004/5)

**Rati minimi annwali applikabbli fuq vetturi**

Dawn it-taxxi ma japplikawx għall-karozzi tal-passiġġieri.

Il-perjodu ta' transizzjoni jispiċċa fl-2004 għall-vetturi li jaħdmu f'toroq internazzjonali u fl-2005 għal dawk li jaħdmu f'Malta.

| **Vetturi** | | |
|---|---|---|
| **2 fusijiet** | | |
| 12.0 - 12.9 | Lm0 | Lm13 |
| 13.0 - 13.9 | Lm13 | Lm35 |
| 14.0 - 14.9 | Lm35 | Lm49 |
| 15.0 - 18.0 | Lm49 | Lm111 |
| **3 fusjiet** | | |
| 15.0 - 16.9 | Lm13 | Lm22 |
| 17.0 - 18.9 | Lm22 | Lm45 |
| 19.0 - 20.9 | Lm45 | Lm58 |
| 21.0 - 22.9 | Lm58 | Lm90 |
| 23.0 - 24.9 | Lm90 | Lm140 |
| 25.0 - 26.0 | Lm90 | Lm140 |
| **4 fusijiet** | | |
| 23.0 - 24.9 | Lm58 | Lm59 |
| 25.0 - 26.9 | Lm59 | Lm92 |
| 27.0 - 28.9 | Lm92 | Lm147 |
| 29.0 - 30.9 | Lm147 | Lm217 |
| 31.0 - 32.0 | Lm147 | Lm217 |

| Vetturi oħra | | |
|---|---|---|
| **2 + 1 fusijiet** | | |
| 12.0 - 13.9 | Lm0 | Lm0 |
| 14.0 - 15.9 | Lm0 | Lm0 |
| 16.0 - 17.9 | Lm0 | Lm6 |
| 18.0 - 19.9 | Lm6 | Lm13 |
| 20.0 - 21.9 | Lm13 | Lm30 |
| 22.0 - 22.9 | Lm30 | Lm39 |
| 23.0 - 24.9 | Lm39 | Lm71 |
| 25.0 - 28.0 | Lm71 | Lm124 |
| **2+2 fusijiet** | | |
| 23.0 - 24.9 | Lm12 | Lm28 |
| 25.0 - 25.9 | Lm28 | Lm47 |
| 26.0 - 27.9 | Lm47 | Lm68 |
| 28.0 - 28.9 | Lm68 | Lm83 |
| 29.0 - 30.9 | Lm83 | Lm136 |
| 31.0 - 32.9 | Lm136 | Lm188 |
| 33.0 - 35.9 | Lm188 | Lm286 |
| 36.0 - 38.0 | Lm188 | Lm286 |
| **2+3 fusijiet** | | |
| 36.0 - 37.9 | Lm150 | Lm209 |
| 38.0 - 40.0 | Lm209 | Lm283 |
| **3+2 fusijiet** | | |
| 36.0 - 37.9 | Lm132 | Lm184 |
| 38.0 - 38.9 | Lm184 | Lm254 |
| 40.0 - 44.0 | Lm254 | Lm376 |
| **3+3 fusijiet** | | |
| 36.0 - 37.9 | Lm75 | Lm91 |
| 38.0 - 38.9 | Lm91 | Lm136 |
| 40.0 - 44.0 | Lm136 | Lm217 |